San Gwann	Korrezzjoni ta' LRA 1121/05. B' dan qed navza li rcevejt minghand in-Nutar Elisa Falzon applikazzjoni LRA 1472/05, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi parti mill-applikazzjoni originali kellha tohrog bhala l-ewwel registrazzjoni;	L-Awtorita' tad-Djar		1472/05
San Gwann	*Correction of LRA 1121/05.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Elisa Falzon application LRA 1472/05, a correction of the above mentioned application in the sense that part of the original application should be issued as a first registration;*	*The Housing Authority*		
San Pawl il-Bahar	Korrezzjoni ta' LRA 1092/05. B' dan qed navza li rcevejt minghand in-l-Ufficju Kongunt applikazzjoni LRA 1425/05, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi giet sostitwita il-pjanta relatata ma' din l-applikazzjoni;	Knisja Parrokkjali tal-Mosta		1425/05
San Pawl il-Bahar	*Correction of LRA 1092/05.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1425/05, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plans relevant to the said applications;*	*Mosta Parish Church*		
San Pawl il-Bahar	Id-dirett dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 5, formanti parti minn blokk jismu 'Cardona Flats' fi Triq it-Turisti;	Il-Gvern ta' Malta		1428/05

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Bahar	*The perpetual direct dominium of apartment No 5, forming part of a block named 'Cardona*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Bahar	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 21 u 21A fi Triq San Pawl;	Il-Gvern ta' Malta		1431/05
San Pawl il-Bahar	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement at No 21 and 21A in Triq San Pawl;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Bahar	Id-direttt dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 2, formanti parti minn 'Falzon Flats' fi Triq il-Gifen;	Il-Gvern ta' Malta		1442/05
San Pawl il-Bahar	*The perpetual direct dominium of apartment No 2, forming part of 'Falzon Flats' in Triq il-Gifen;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Bahar	Korrezzjoni ta' LRA 2591/02. B' dan qed navza li rcevejt minghand id-Direttur, Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta', applikazzjoni LRA 1620/05, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi giet sostitwita il-pjanta relatata ma' din l-applikazzjoni;	Il-Gvern ta' Malta		1620/05
San Pawl il-Bahar	*Correction of LRA 2591/02.* *I am hereby giving notice that I have received from the Director, Estate Management Department, application LRA 1620/05, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plans relevant to the said applications;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Bahar	L-utile dominju pereptwu ta' kwart indiviz tal-villa jisimha 'Villa tal-Qortin' fi Triq it-Telgha tax-Xemxija; u kwart indiviz tad-direttt u l-utile dominju temporanju tal-fond jismu 'L-Ambjent Foodmarket', il-mahzen kontigwu u l-appartamenti sovraposti, ilkoll bla numru fi Triq it-Telgha tax-Xemxija;	Devicon Ltd	C19189	1681/05
San Pawl il-Bahar	*The perpetual utile dominium of one fourth undivided share of the villa named 'Villa tal-Qortin' in Triq it-Telgha tax-Xemxija; and one fourth undivided share of the temporary direct and utile dominium of the tenement named 'L-Ambjent foodmarket', the adjacent store and overlying apartments, all unnumbered in Triq it-Telgha tax-Xemxija;*			
San Pawl il-Bahar	Dritt ta' kumpens ta' bicca art tal-kejl ta' 588 m.k.; ta' bicca art tal-kejl ta' 60 m.k.; ta' bicca art tal-kejl ta' 339 m.k.; ta' bicca art tal-kejl ta' 8,912 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1701, 1702, 1704 u 1707 ta' l-2005
San Pawl il-Bahar	*Compensation rights over a plot of land covering an area of 588 s.m.; of a plot of land covering an area of 60 s.m.; of a plot of land covering an area of 339 s.m.; of a plot of land covering an area of 8,912 s.m.;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Bahar *San Pawl il-Bahar*	Mezzanin bil-garaxx sottostanti, jismu'St Joseph', fi Triq Habb il-Qamh, il-Manikata; *The first floor tenement with an underlying garage, named 'St Joseph', in Triq Habb il-Qamh, at Manikata;*	Mariano Borg u Carmelina Azzopardi	501061M	1734/05
SanGiljan	*A plot of land covering an area of 76 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Siggieiw	*Compensation rights ove ra plot of land covering an area of 16 s.m., forming part of third party property in Triq Santa Margerita;*	*The Government of Malta*		
Siggiewi	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 14 fi Triq Kircher;	Il-Gvern ta' Malta		1433/05
Siggiewi	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 14 in Triq Kircher;*	*The Government of Malta*		
Siggiewi	L-art Le Buar sive Ta' Bieb ix-Xaghra tal-kejl ta' 1,070 m.k., f' Hal-Farrug;	Monasteru ta' Sant' Ursola		1529/05
Siggiewi	*The land Le Buar sive Ta' Bieb ix-Xaghra covering an areaof 1,070 s.m., at Hal-Farrug*	*St Ursola Monastery*		
Siggiewi	Id-direttt dominju perpetwu ta' Plot 18 tal-kejl ta' 183 m.k., fi Triq is-Swieqi;	Il-Gvern ta' Malta		1551/05
Siggiewi	*The perpetual direct dominium of Plot 18 covering an area of 183 s.m., in Triq is-Swieqi;*	*The Government of Malta*		
Siggiewi	L-appartament Nru 6, formanti parti minn Blokk D, fi Triq Dun Anton Vella;	L-Awtorita' tad-Djar		1558/05
Siggiewi	*Apartment No 6, forming part of Block D, in Triq Dun Anton Vella;*	*The Housing Authority*		
Siggiewi	Nofs indiviz ta' porzjoni diviza mill-art Tas-Salvatur, tal-kejl ta' 1,520 m.k., kontrada Tal-Handaq;	Alfred Baldacchino et	382843M	1633/05
Siggiewi	*One half undivided share of a divided portion of the land Tas-Salvatur, covering an area of 1,520 s.m., district of Tal-Handaq;*			
Siggiewi	Dritt ta' kumpens ta' bicca art tal-kejl ta' 16 m.k., formanti parti minn proprjeta' ta' terzi fi Triq Santa Margerita;	Il-Gvern ta' Malta		1700/05
Swieqi	Il-villa jisimha 'Shamrock', bil-garaxx anness maghha, gnien madwarha u kantina, fi Triq il-Liebru;	Alexis Vella u martu Christine	544271M 30571M	1499/05

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Swieqi	*The villa named 'Shamrock', with an annexed garage, surrounding garden and underlying basement, in Triq il-Liebru;*			
Swieqi	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Plot 6 tal-kejl ta' 795 m.k., mill-art Tal-Aquavita;	Il-Gvern ta' Malta		1557/05
Swieqi	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Plot 6 covering an area of 795 s.m., of the land Tal-Aquavita;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond bin-Nri 347 u 348 fi Triq Manuel Dimech; tal-fond Nru 6 fi Triq Santa Liena;	Il-Gvern ta' Malta		1549 u 1555 ta' l-2005
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement at Nos 347 and 348 in Triq Manuel Dimech; of tenement No 6 in Triq Santa Liena;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 105/05. B' dan qed navza li rcevejt minghand in-l-Ufficju Kongunt applikazzjoni LRA 1590/05, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi giet sostitwita il-pjanta relatata ma' din l-applikazzjoni;	Il-Gvern ta' Malta		1590/05
Tas-Sliema	*Correction of LRA 105/05.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1590/05, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plans relevant to the said applications;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 13 fi Triq San Publiju; tal-fond Nru 3 fi Triq San Gwann il-Battista; tal-fondi Nri 43 u 44 fi Triq San Duminku; tal-fond Nru 33 fi Triq San Duminku li jinfed mal-fond Nru 24 fi Triq Santa Giacinta;	Il-Gvern ta' Malta		1591, 1592, 1593 u 1601 ta' l-2005
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 13 in Triq San Publiju; of tenement No 3 in Triq San Gwann il-Battista; of tenements Nos 43 and 44 in Triq San Duminku; of tenement No 33 in Triq San Duminku which is connected with tenement No 24 in Triq Santa Giacinta;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	Id-dar Nru 45 fi Triq San Duminku;	Kevin Fitzgerald u martu Mariella	309973M 59178M	1623/05
Tas-Sliema	*House No 45 in Triq San Duminku;*			
Valletta	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond bin-numri 54 sa 57 fi Triq Santa Lucija, kantuniera man-numri 182 sa 185 fi Triq l-Ifran;	BMV Tal-Karmnu, Valletta		1594/05
Valletta	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement at Nos 54 to 57 in Triq Santa Lucija, corner with Nos 182 to 185 in Triq l-Ifran;*			
Valletta	L-appartament Nru 11, formanti parti mill-fond Nru 188 fi Triq Sant' Ursola;	L-Awtorita' tad-Djar		1605/05
Valletta	*Apartment No 11, forming part of tenement No 188 in Triq Sant' Ursola;*	*The Housing Authority*		
Valletta	L-appartamenti Nri 5 u 6, formanti parti mill-fond Nru 111 fi Triq San Guzepp;	Mattew Cassar et		1642/05
Valletta	*Apartments Nos 5 and 6, forming part of tenement No 111 in Triq San Guzepp;*			
Valletta	L-appartament Nru 1, formanti parti mill-fond Nru 40 fi Triq iz-Zekka l-Antika;	Evelyn Grech Sant et		1655/05
Valletta	*Apartment No 1, forming part of tenement No 40 in Triq iz-Zekka l-Antika;*			
Valletta	Id-dar Nru 79 fi Triq l-Ifran;	Mary Abela et	102928M	1672/05
Valletta	*House No 79 in Triq l-Ifran;*			
Valletta	L-appartament Nru 1, formanti parti mill-fond Nru 69C fi Triq Zekka;	Il-Gvern ta' Malta in kwantu ghad-dirett dominju perpetwu, u Anton Azzopardi et in kwantu ghall-utile dominju pereptwu		1680/05
Valletta	*Apartment No 1, forming part of tenement No 69C in Triq Zekka;*	*The Government of Malta for the perpetual direct dominium, and Anton Azzopardi et for the perpetual utile dominium*		
Valletta	Il-fond Nru 148 fi Triq Zekka;	Anna Azzopardi	581263M	1722/05
Valletta	*Tenement No 148 in Triq Zekka;*			
Zurrieq	Id-dirett dominju perpetwu tal-ghalqa Ta' Bur Langasa tal-kejl ta' 2,483 m.k.;	Arkio Developments Ltd		1500/05
Zurrieq	*The perpetual direct dominium of the field Ta' Bur Langasa covering an area of 2,483 s.m.;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Zurrieq	Korrezzjoni ta' LRA 882/00. B' dan qed navza li rcevejt minghand in-l-Ufficju Kongunt applikazzjoni LRA 1547/05, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi giet sostitwita il-pjanta relatata ma' din l-applikazzjoni;	Il-Gvern ta' Malta		1547/05
Zurrieq	*Correction of LRA 882/00.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1547/05, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plans relevant to the said applications;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Porzjoni diviza tad-dar jisimha 'Lunarja',tal-kel ta' 184 m.k., fi Triq il-Qrendi; u porzjoni diviza ta' art tal-kejl ta' 162 m.k.;	PM Architectural Services Limited	C 24358	1710 u 1712 ta' l-2005
Zurrieq	*A divided portion of the house named 'Lunarja', covering an area of 184 s.m., in Triq il-Qrendi; and a divided portion of land covering an area of 162 s.m.;*			
Zurrieq	Porzjoni diviza tad-dar jisimha 'Lunarja',tal-kel ta' 184 m.k., fi Triq il-Qrendi; u porzjoni diviza ta' art tal-kejl ta' 138 m.k.;	Perit Paul Micallef	84961M 55460M	1711 u 1713 ta' l-2005
Zurrieq	*A divided portion of the house named 'Lunarja', covering an area of 184 s.m., in Triq il-Qrendi; and a divided portion of land covering an area of 138 s.m.;*			

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

It-28 ta' Ġunju, 2005

28th June, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 61

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Għarb - Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Molina, it-Trux, Franġisk Mercieca u Pjazza Viżitazzjoni.

Nhar is-Sibt, it-2 ta' Lulju 2005 minn nofsinhar mit-toroq li ġejjin: l-Għarb, il-Knisja, Franġisk Mercieca, it-Trux, id-29 ta' Awissu u Pjazza Viżitazzjoni.

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Lulju 2005 mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Pjazza Viżitazzjoni, Frenċ tal-Għarb, Franġisku Mercieca, it-Trux, il-Viżitazzjoni u d-29 ta' Awissu.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjata hemm jiġu rmunkati.

Ir-Rabat - Għawdex

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Lulju 2005 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Taċ-Ċawla *playing field area*, Dott. A. Tabone, il-31 ta' Marzu, Ġużè Ellul Mercer, Enrico Mizzi, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju 2005 mid-9.00 a.m. minn Triq ir-Repubblika.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Għajn Qatet, Pjazza San Franġisk, l-Arċisqof P. Pace, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2005 mid-9.00 a.m. minn Triq Enriko Mizzi.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Alfons M. Hili, Pjazzetta P. A. Xerri, il-Karita, Mons. G. Farrugia, il-Palma, San'Indrija, Pjazza San Franġisk, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju 2005 mid-9.00 a.m. minn Triq ir-Repubblika.

POLICE NOTICE

No. 61

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Għarb - Gozo

On Friday, 1st July 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Molina, it-Trux, Franġisk Mercieca and Pjazza Viżitazzjoni.

On Saturday, 2nd July 2005 from noon through the following streets: l-Għarb, il-Knisja, Franġisk Mercieca, it-Trux, id-29 ta' Awissu and Pjazza Viżitazzjoni.

On Sunday, 3rd July 2005 from 10.00 a.m. through the following streets: il-Knisja, Pjazza Viżitazzjoni, Frenċ tal-Għarb, Franġisku Mercieca, it-Trux, il-Viżitazzjoni and id-29 ta' Awissu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Victoria - Gozo

On Tuesday, 12th July 2005 from 6.00 p.m. through the following streets: Taċ-Ċawla playing field area, Dott. A. Tabone, il-31 ta' Marzu, Ġużè Ellul Mercer, Enrico Mizzi, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Wednesday, 13th July 2005 from 9.00 a.m. through Triq ir-Repubblika.

On Wednesday, 13th July 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: Għajn Qatet, Pjazza San Franġisk, l-Arċisqof P. Pace, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Thursday, 14th July 2005 from 9.00 a.m. through Triq Enriko Mizzi.

On Thursday, 14th July 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Alfons M. Hili, Pjazzetta P. A. Xerri, il-Karita, Mons. G. Farrugia, il-Palma, San'Indrija, Pjazza San Franġisk, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza and San Ġużepp.

On Friday, 15th July 2005 from 9.00 a.m. through Triq ir-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Tomba, Vajringa, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Pjazza San Franġisk u l-Palma.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2005 mid-9.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika sa l-Astra, u Pjazza San Franġisk.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2005 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika sa l-Astra.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2005 mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, il-Palma u Pjazza San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2005 mill-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp u Pjazza Indipendenza.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2005 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Pjazza San Franġisk, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa u l-Palma.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjata hemm jiġu rmunkati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2005 bejn l-10.15 a.m. u s-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, l-Inġiniera, iċ-Ċombini, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti u P.P. Saydon.

Nhar it-Tnejn, it-18 ta' Lulju 2005 bejn it-8.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, Vjal l-Indipendenza, San Ġorġ, il-Kbira, il-Kappillan Inglott u Filippu Farrugia.

Nhar it-Tlieta, id-19 ta' Lulju 2005 bejn it-8.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, il-Ħaddiema, Santa Katerina, l-Imqabba, Gervase, Napuljun, il-Qrendi, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera, il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Lulju 2005 bejn it-8.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, il-21 ta' Lulju 2005 bejn it-8.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, Santa Katerina, Vjal il-Blue Grotto, Rev. J. Zammit, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini,

On Friday, 15th July 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Tomba, Vajringa, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Pjazza San Franġisk and il-Palma.

On Saturday, 16th July 2005 from 9.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika up to Astra, and Pjazza San Franġisk.

On Saturday, 16th July 2005 from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika up to Astra.

On Saturday, 16th July 2005 from 7.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, il-Palma and Pjazza San Franġisk.

On Sunday, 17th July 2005 from 11.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp and Pjazza Indipendenza.

On Sunday, 17th July 2005 from 6.00 p.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Pjazza San Franġisk, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa and il-Palma.

The parking of vehicles along the above mentioned streets, is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Żurrieq

On Sunday, 17th July 2005 from 10.15 a.m. to 1.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, l-Inġiniera, iċ-Ċombini, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti and P.P. Saydon.

On Monday, 18th July 2005 from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, Vjal l-Indipendenza, San Ġorġ, il-Kbira, il-Kappillan Inglott and Filippu Farrugia.

On Tuesday, 19th July 2005 from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: P.P. Saydon, il-Ħaddiema, Santa Katerina, l-Imqabba, Gervase, Napuljun, il-Qrendi, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera, il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

On Wednesday, 20th July 2005 from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: P.P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Thursday, 21st July 2005 from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: P.P. Saydon, Santa Katerina, Vjal il-Blue Grotto, Rev. J. Zammit, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini,

l-Inġiniera, il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Lulju 2005 bejn it-8.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Gio Batta, Saydon, Dun Luret Zammit, San Ġorġ, il-Kbira, San Leopold, il-Ħaddiema, Mattia Preti u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar is-Sibt, it-23 ta' Lulju 2005 bejn it-8.15 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Joseph L. Zerafa, Tal-Ġonna, Tal-Kmand, Luret Cutajar, Ħal Millieri, Profs. Zarb, Santa Katerina, il-Ħaddiema, Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Lulju 2005 bejn il-10.45 a.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, it-Tjieba, San Bartolomew, il-Ħaddiema, il-Warda, D'Amato, il-Mitħna, il-Kunċizzjoni, San Ġorġ, il-Kbira, San Martin, San Mikiel, Saydon, Mattia Preti, Rev. G. Zammit u San Pietru.

It-28 ta' Ġunju, 2005

l-Inġiniera, il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

On Friday, 22nd July 2005 from 8.30 p.m. to midnight through the following streets: Gio Batta, Saydon, Dun Luret Zammit, San Ġorġ, il-Kbira, San Leopold, il-Ħaddiema, Mattia Preti and Misraħ ir-Repubblika.

On Saturday, 23rd July 2005 from 8.15 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: Joseph L. Zerafa, Tal-Ġonna, Tal-Kmand, Luret Cutajar, Ħal Millieri, Profs. Zarb, Santa Katerina, il-Ħaddiema, Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Sunday, 24th July 2005 from 10.45 a.m. to midnight through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, it-Tjieba, San Bartolomew, il-Ħaddiema, il-Warda, D'Amato, il-Mitħna, il-Kunċizzjoni, San Ġorġ, il-Kbira, San Martin, San Mikiel, Saydon, Mattia Preti, Rev. G. Zammit and San Pietru.

28th June, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 33 ta' l-2005

Wirja ta' Logħob tan-Nar minn Barkun Irmiġġat fix-Xatt ta' Tas-Sliema, il-Port Ta' Marsamxett

Se ssir wirja ta' logħob tan-nar rigward il-festa titulari tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù, Tas-Sliema minn fuq barkun irmiġġat fix-Xatt ta' Tas-Sliema 'l hinn minn Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett. Il-barkun se jkun irmiġġat nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005, fil-pożizzjoni indikata fuq iċ-*chart* murija fil-*website* ta' l-Awtorita Marittima ta' Malta :

http://www.mma.gov.nt/notices_mariners.asp

Id-dati u l-ħinijiet tal-wirjiet se jkunu kif ġej:

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005 bejn it-8.30 p.m. u d-9.30 p.m. u bejn l-10.30 p.m. u l-11.00 p.m.

Nhar is-Sibt, it-2 ta' Lulju 2005 fid-9.00 a.m., bejn nofsinhar u n-12.10 p.m., fis-6.15 p.m. u bejn id-9.00 p.m. u l-11.30 p.m.

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Lulju 2005 bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m, bejn nofsinhar u n-12.20 p.m. u mis-6.45 p.m. 'il quddiem.

Minħabba l-isparar ta' hawn fuq, il-baħħara huma mitluba biex iżommu 200 metru 'l bogħod mill-post fid-dati u l-ħinijiet tal-wirja msemmija.

Chart affettwata: BA 177

It-28 ta' Ġunju, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 33 of 2005

Fireworks Displays from a Barge Moored in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

Fireworks displays in connection with the titular feast of Our Lady of Sacred Heart, Sliema will be let off from a barge moored in Sliema Creek off Manoel Island in Marsamxett Harbour. The barge will be moored on Friday, 1st July 2005, in the position indicated on the chart shown on the Malta Maritime Authority website:

http://www.mma.gov.nt/notices_mariners.asp

The dates and times of displays will be as follows:

Friday, 1st July 2005 between 8.30 p.m. and 9.30 p.m. and from 10.30 p.m. to 11.00 p.m.

Saturday, 2nd July 2005 at 9.00 a.m., between noon and 12.10 p.m., at 6.15 p.m. and between 9.00 p.m. and 11.30 p.m.

Sunday, 3rd July 2005 between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., between noon and 12.20 p.m. and from 6.45 p.m. onwards.

In view of the above mariners are requested to give the barge a wide berth of 200 metres on the dates and times of the displays mentioned above.

Chart affected: BA 177

28th June, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Pathologist (Histopathology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Pathologist (Histopathology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Pathologist (Histopathology)* għandu salarju ta' Lm10,370 fis-sena.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar magħduda s-sessjonijiet ta' *outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Pathologist* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Patoloġija u tkun taqa' direttament taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Patoloġija. Hi tkun fid-dmir li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Patoloġija.

5.2. Il-persuna nominata trid taħdem id f'id mal-kap tat-taqsima tal-*Histopathology* għar-rappurtar ta' rutina tal-*Histopathology*.

5.3. Il-persuna nominata tkun fid-dmir li tipparteċipa meta jsiru eżamijiet *post-mortem*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Pathologist (Histopathology) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Pathologist (Histopathology) in the Health Division.

2. The post of Consultant Pathologist (Histopathology) carries a salary of Lm10,370 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Pathologist will form part of the Department of Pathology and will be directly accountable to the Chairman of the Department of Pathology. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Pathology and to practise in its teaching programme.

5.2. The appointee should liaise with the Head of the Histopathology Section for routine Histopathology reporting.

5.3. The appointee will participate in the performance of post-mortem examinations.

5.4. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz ta' konsulent għall-Isptar San Luqa, għall-isptarijiet l-oħra u għas-servizz tas-saħħa pprovduti mill-Gvern skond il-politika tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.5. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif ikun meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li tiżgura t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jagħmlu testijiet tal-laboratorju taħt il-karigu tagħha.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew
(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew
(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni* ; jew
(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u l-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbiltà ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-Patoloġija fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Patoloġija (e.g. MRCPath jew kwalifika adatta komparabbli) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku

5.4. The appointee will provide consultant service to St.Luke's Hospital, other hospitals and the health services provided by Government within the policy of the Health Division.

5.5. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.6. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an on-going (continuing) training and education programme in respect of the staff performing laboratory tests under his/her charge.

5.7. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or
(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*; or

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of:

EITHER

(i) Evidence of eligibility for Specialist registration in Pathology in the European Union;

OR

(ii) Higher postgraduate qualification in Pathology (e.g. MRCPath or an approved appropriate comparable qualification) and two years experience in the grade of Senior

ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Patoloġija (e.g. MRCPath jew kwalifika adatta komparabbli) u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1 Bord ta' l-għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) Higher postgraduate qualification in Pathology (e.g. MRCPath or an approved appropriate comparable qualification) and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Lulju 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

*F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

It-28 ta' Ġunju, 2005

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 22nd July 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

*In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

28th June, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Koordinatur tal-Medjaturi fil-Qrati tal-Ġustizzja fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Koordinatur tal-Medjaturi fil-Qrati tal-Ġustizzja fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

2.1. Il-persuna magħżula għandha tidħol f'kuntratt għal sena bħala ta' Koordinatur tal-Medjaturi fil-Qrati tal-Ġustizzja fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' sentejn, jekk il-persuna tkun qdiet dmirha tajjeb u r-riżultati li tikseb ikunu sodisfaċenti. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Koordinatur tal-Medjaturi matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Mediators' Coordinator in the Courts of Justice within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications to fill the position of Mediators' Coordinator in the Courts of Justice within the Ministry for Justice and Home Affairs.

2.1. The selected applicant will be expected to enter into a one-year performance contract as Mediators' Coordinator in the Courts of Justice within the Ministry for Justice and Home Affairs, which may be renewed thereafter for further periods of two years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Mediators' Coordinator during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkunu Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, kif ukoll mal-Gvern Malti, jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-medja ta' Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' Koordinatur tal-Medjaturi fil-Qrati tal-Ġustizzja u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-medja ta' Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' progression, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Persuna fil-pożizzjoni ta' Koordinatur tal-Medjaturi fil-Qrati tal-Ġustizzja fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ikollha salarju ekwivalenti għall-medja ta' Skala 10 (bħalissa Lm6,032 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' Koordinatur tal-Medjaturi fil-Qrati tal-Ġustizzja għandha tirrapporta primarjament għand ir-Reġistratur/Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili jew l-assistenti tiegħu. Id-doveri u r-responsabbiltajiet tal-Koordinatur tal-Medjaturi jinvolvu dan li ġej:

(a) li ssegwi u tkun konformi ma' dak li hemm stabbilit fl-Avviż Legali Numru 397 ta' l-2003 u l-emendi sussegwenti;

(b) li taqdi dawk id-dmirijiet kollha li jiġu assenjati lilha mill-Imħallef u/jew il-Maġistrat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja);

(ċ) li taqdi d-dmirijiet tagħha u tattendi l-laqgħat li jinżammu fil-bini tal-Qorti kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex jew kif ikun stabbilit mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jew mill-Qrati tal-Ġustizzja, minn żmien għal żmien;

(d) li tikkoordina u tippjana x-xogħol tal-Medjaturi;

(e) li ssegwi t-taħriġ tal-Medjaturi;

2.2. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive appointment during the contractual period and will revert to his/her substantive appointment on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Courts of Justice within the Ministry for Justice and Home Affairs, as well as with the Maltese Government, will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service and, during the contract period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than the mean of Scale 10 of the Malta Public Service, he/she will be required to relinquish the duties of Mediators' Coordinator and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of the selected officer becomes higher than the mean of Salary Scale 10 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

